# 3. Assessjament tas-Sapport fid-Dar

Assessjament tas-sapport fid-dar jista' jiġi organizzat jekk int għandek ħtieġijiet ta' kura tal-anzjani li, meta jkunu moqdija, ser jgħinuk tibqa' tgħix f'darek u fil-komunità mingħajr periklu. Jekk int taħseb li għandek bżonn ta' assessjament tas-sapport fid-dar, int tista' tikkuntattja liċ-Ċentru tal-Kuntatt tal-Kura tal-Anzjani (My Aged Care Contact Centre) (1800 200 422).

## Il-Proċess tal-Assessjament

Assessur lokali mis-Servizz tal-Assessjament Reġġjonali tal-Kura tal-Anzjani (My Aged Care Regional Assessment Service) ser jikkuntattjak biex jiffissa ħin biex jiġi jarak. Huma ser isaqsuk xi mistoqsijiet biex jaraw li ma jkun hemm l-ebda periklu għalik-u-għalihom meta jżuruk. Huma ser jistaqsuk jekk hux ser ikollok jew tixtieqx li jkollok xi ħadd miegħek meta jżuruk bħal xi membru tal-familja, ħabib jew il-kerer tiegħek. Huma jistgħu jitolbuk il-permess tiegħek biex ikellmu lin-nies li jagħtuk sapport, bħal xi membru tal-familja, ħbieb jew kerer.

## X'jiġri matul l-assessjament?

Meta l-assessur jasal għandek (jew fejn normalment toqgħod) huma ser jitolbu l-permess tiegħek biex jagħmlu l-assessjament. Huma ser ikollhom it-tagħrif li tajt meta int kellimt liċ-Ċentru tal-Kuntatt ta' My Aged Care. Huma ser jistaqsuk ftit mistoqsijiet oħra dwar x'sapport qed tirċievi bħalissa, jekk intix inkwetata dwar saħħtek, kif qed tagħmel il-faċendi madwar id-dar bħalissa, u xi mistoqsijiet dwar is-sigurtà tiegħek f'darek. Huma ser josservaw ukoll kif timxi ġewwa u madwar id-dar tiegħek.

Bħala parti mill-proċess tal-assessjament, l-assessur ser jistaqsik jekk għandekx lil xi ħadd jgħinek bħalissa. Dan jista' jkun membru tal-familja jew ħabib, jew xi ħadd li taf li hu l-kerer tiegħek. Huma ser jistaqsuk mistoqsijiet dwar it-tip ta' kura li qed tingħata, jekk kienx hemm xi tibdil dan l-aħħar, jew jekk hemmx xi diffikultajiet jew tħassib dwar dan l-arranġament. Jekk ikun hemm membru tal-familja tiegħek, ħabib tiegħek jew kerer tiegħek l-assessur ser jistaqsihom ukoll dawn il-mistoqsijiet separatament. Dan jgħinu jifhem jekk is-sapport li qed jagħtuk bħalissa jistax ikompli, jew jekk jistax ikun hemm bżonn ta' servizzi jew sapport addizzjonali għalik jew għall-persuna li qed tgħinek.

Jekk int qed tieħu ħsieb xi persuna oħra, bħal ngħidu aħna s-sieħeb/sieħba tiegħek jew xi membru ieħor tal-familja tiegħek, l-assessur jista' jistaqsik taħseb dwar kif int

sejjer u dwar u jekk għandekx xi diffikultajiet jew tħassib dwar l-arranġamenti li għandek. Dan ser jgħinu jifhem jekk għandekx bżonn ta' aktar sapport fis-sehem tiegħek ta' kura.

## Żviluppar tal-pjan tas-sapport

L-assessur ser jaħdem miegħek biex tiżviluppa Pjan ta' Sapport, li ser jgħinek tidentifika fejn inti l-iktar kapaċi u fejn issib l-iktar diffikultà, il-miri tiegħek u x'tixtieq tigwadanja. Dan ser iħalli lilek u l-assessur tiegħek tidentifikaw it-tipi ta' sapport li l-aktar jgħoddu għalik hekk kif int taħdem biex tikseb il-miri tiegħek. Dan is-sapport jista' jingħatalek mis-servizzi, jew jista' jkun sapport li diġà hemm u li tista' tikseb fil-komunità tiegħek, jew affarijiet li tista' tagħmel int stess biex tilħaqq il-miri tiegħek.

## Nirreferuk għal servizz

Jekk għandek bżonn xi servizzi, l-assessur ser jaħdem miegħek biex tidentifika il-provedditur(i) tas-servizzi li jkunu jistgħu jissodisfaw il-bżonnijiet tiegħek. Huma ser ikunu jistgħu jibgħatu tagħrif lill-provveditur(i) tas-servizz magħżul biex huma jkunu jistgħu jwasslu s-servizz skont il-Pjan ta' Sapport. Int ser tkun tista' wkoll tmur u żżur il-provveditur(i) tas-servizz biex tiddetermina jekk dawn jgħoddux għalik. Hekk kif tagħżel il-provveditur tas-servizz, int tista' tagħtihom kowd  (mogħtija lilek mill-assessur) biex huma jkunu jistgħu jipprovdulek is-servizzi.

Jekk matul l-assessjament jiġi determinat li int għandek bżonn livell ogħla ta' sapport, l-assessur ser jara li int tirċievi assessjament komprensiv (comprehensive assessment) It-tagħrif miġbur matul il-viżita mis-Servizz Reġġjonal tal-Assessjament tal-Kura tal-Anzjani ser jingħata lill-assessur li qed jagħmel l-assessjament komprensiv biex int ma jkollokx bżonn tirripeti dak li diġà għedt.

---

My Aged Care 1800 200 422

Translating and Interpreting Services (TIS) (Servizzi tat-Traduzzjoni u tal-Interpretar) 131 450